# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 21 ta' Jannar 2002**

**Avviz. numru 1007R/01**

**Numru 2**

**Fl-atti tal-Mandat ta' sekwestru numru 3338/01 fl-ismijiet:**

**Tabib Principali tal-Gvern**

**vs**

**Sea Malta Company Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta rikorrenti wara li ppremettiet illi hija giet notifikata bil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet premessi liema mandat inhareg kontra il-kumpanija rikorrenti liema kumpanija hija, fil-mandat, indikata bhala s-sekwestrata;

Illi hi ma ghandha taghti xejn lill-atturi;

Illi filfatt il-kumpanija Sea Malta Company Limited qatt ma giet notifikata b'ittra ufficjali mahruga kontriha kif premess fil-mandat. Filfatt il-kumpanija Sea Malta Company Limited rceviet ittra ufficjali mahruga kontra certu Nuredin Rahuma li l-indirizz tieghu huwa specifikat bhala *"c/o Sea Malta Co. Ltd"*. Dan jirrizulta skorrett billi l-kumpanija rikorrenti ma hijiex agent ta' Nuredin Rahuma u l-istess persuna ma ghandhiex indirizz mal-kumpanija Sea Malta Company Limited.

Illi t-Tabib Principali tal-Gvern ma kellu qatt d-dritt li johrog att ezekuttiv kontra l-kumpanija esponenti billi ma ghandu l-ebda titolu ezekuttiv fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti:

In vista tas-suespost, il-kumpanija Sea Malta Company Limited titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, a tenur tal-artikolu 283A(1) et seq. tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili, tirrevoka il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi stante li, fil-konfornt tal-kumpannija Sea Malta Company Limited ma jezisti ebda titolu ezekuttiv a bazi ta' liema seta jinhareg l-istess mandat;

Ir-rikorrent jirriserva minn issa kwalsiasi azzjoni lilu spettanti fil-ligi u jirriserva li jipprocedi ulterjorment ghal danni jew risarciment iehor jekk ikun il-kaz.

Rat id-digrieti taghha precedenti moghtija fis-27 u fit-28 ta' Dicembru 2001.

Rat ir-risposta tal-intimat li biha espona (fol 5 tal-atti) illi preliminarjament ir-rikors gie presentat "fuori termine" u dana stante l-iskadenza tat-terminu t'ghoxrin gurnata preskritt taht l-Artikolu 469 A tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex tieghu konjizzjoni tal-mertu kontenut fir-rikors.

Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont dovut minn Nuredin Rahuma ghall-kura u servigi rezi lilu fl-Isptar San Luqa fit-23 ta' Jannar 2001 kellhom jithallsu minnu kif indikat fl-anness dokument immarkat BG 1.

Illi minkejja li nterpellat permezz ta' ittra ufficjali lilu fit-12 ta' Novembru 2001 u notifikata lilu fid-19 ta' Novembru 2001 baqa' inadempjenti bi ksur ta' l-obbligazzjoni assunta skond l-istess dokument anness.

Ghaldaqstant l-esponent filwaqt li jgib il-premess a formali konjizzjoni tal-kumpanija rikorrenti umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti tirrespingi it-talbiet kif dedotti fir-rikors u tordna l-esekuzzjoni tal-mandat mahrug in konformita' ma l-Artikolu 469 A tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess risposta minn fol 6 sa fol 14 tal-istess atti.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimat (fol 17 ibid) u li biha esponsa bir-rispett illi l-ewwel nett ir-referenza ghall-Artikolu 469A maghmula mill-esponent fir-risposta tieghu hija erronja u saret bi svista liema referenza kellha tkun ghall-Artikolu 466 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u procedura Civili.

Illi fi kwalunkwe kaz ir-rikors huwa irritu u null stante l-ksur ta' l-Artikolu 467 (1) tal-Kap. 12 billi l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni seta jigi attakkat biss permezz ta' citazzjoni u dana ai termini ta' l-Artikolu precitat.

Ghaldaqstant in vista tal-premess l-esponent umilment jitlob jitlob lil Dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-korrezzjoni ta' l-Artikolu 469 A kif mitlub u filwaqt li tiddikjara r-rikors null u bla effett tordna il-prosegwiment ta' l-esekuzzjoni tal-mandat msemmi.

Rat l-atti kollha inkluza d-dikjarazzjoni guramentata tal-intimat (fol 25 ibid).

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jkun opportun f'dan l-istadju li jsir riassunt tal-provi prodotti u l-fatti rrizultanti mill-istess provi.

Illi:

a) skond l-anness <u>Dok BG1</u> a fol 6 tal-atti, jidher li Mark Scerri f'isem "Sea Malta Agency" permezz ta' "fax" kien informa lill-Isptar ta' San Luqa ("Administrations") sabiex l-ispejjes kollha "in the region of ..... (figura mhix cara) is to be debited .....(to) ..... Mr Rahuma (GNTMC) c/o Sea Malta Co. Ltd ......" u dan in konnessjoni ma "....engogram (sic) to be performed by Dr Xuereb ........" .

b) kopja informi tal-mandat in esami (fol 7 ibid) minn fejn jidher li l-intimat talab u ottjena il-hrug ta' mandat ta' sekwestru esekuttiv kontra s-socjeta "<u>Sea Malta Company Limited" bhala " sekwestrat</u>" u f'idejn diversi sekwestratarji ghall-ammont ta' Lm1433 u dan "skond l-ittra ufficjali datata 17 ta' Novembru 2001 ..... (kliem mhux cari....)".

c) L-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija kemm bhala kopja informi (fol 11 ibid) kemm bhala kopja legali (fol 22 sa fol 25 ibid) minn fejn jidher li l-intimat interpella, permezz tad-dikjarazzjoni guramentata annessa a fol 25 ibid u mghamula skond l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, lil Nuredin Rahuma (c/o Sea Malta Co. Ltd) sabiex dan jhallas is-somma ta' Lm1465 "dovuta lilu (lill-intimat) ghal kura u servigi moghtija lilu (Nuredin Rahuma) fl-isptar gja msemmi fit-23 ta' Jannar 2001 u mit-3 sad-9 ta' Mejju 2001. In rigward l-istess ittra ufficjali presentata fit-12 ta' Novembru 2001, jidher a fol 24 li din giet notifikata fid-19 ta' Novembru 2001 lill-imsemmi Nuredin Rahuma dejjem "c/o Sea Malta Co. Ltd" fil-Marsa (ara pero' il-"firma" tad-destinatarju" ta' xi hadd injot minghajr "name and surname in BLOCK CAPS" specifikat kif suppost.

d) In rigward ir-rikors promotur jidher a fol 1 li dan gie presentat fil-21 ta' Dicembru 2001.

Ikkunsidrat

Illi mill-lat legali ghandhom jigu konsiderati s-segwenti artikoli tal-msemmi Kapitolu 12 -:

a) l-artikolu 466 (1) (2) (3) (4);

b) l-artikolu 467 (1) (2).

Illi fil-precitati artikoli jinghad li debitur ghandu l-jedd li jopponi t-talba li tkun saret lilu billi jippresenta rikors li fih jitlob li t-talba tigi dikjarata mill-Qorti bhala infondata, liema rikors ghandu jsir fi zmien ghoxrin jum minn notifika b'att gudizzjarju tal-imsemmija dikjarazzjoni guramentata. Inoltre f'kaz li jkun inhareg mandat esekuttiv tali opposizzjoni trid issir b'citazzjoni presentata fi zmien ghoxrin jum mill-ewwel notifika.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher evidenti li din il-Qorti hi rinfaccjata mis-segwenti:-

1) Is-socjeta rikorrenti setghet topponi ghall-mandat esekuttiv in esami permezz ta' citazzjoni presentata fi zmien ghoxrin gurnata minn notifika lilha tal-istess mandat.

F'dan il-kaz jidher car li s-socjeta rikorrenti adixxiet din il-Qorti kemm b'mod irritwali kemm wara l-iskadenza tal-ghoxrin jum stipulati mill-Ligi.

b) Pero’ jidher ukoll li l-istess mandat esekuttiv inhareg b’mod sbaljat stante li jidher car li d-debitur, f‘dan il-kaz, kellu jkun Nuredin Rahuma kif risultanti mill-ittra ufficjali (a fol 23 tal-atti) u mid-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti (a fol 25 tal-atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi minhabba hekk, din il-Qorti tara li hi preklusa milli takkolji dak mitlub fir-rikors in esami, wara li jinghad ulterjorment li l-artikolu 283 A tal-istess kodici ma hux applikabbli ghal dan il-kaz in vista li, fil-kaz in desamina l-artikoli in materia “huma l-466 u 467 li ghalihom saret di gja referenza.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talba fir-rikors in esami, bl-ispejjes jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Deputat Registratur